Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 391/2015

Il-Pulizja

Vs

Marisa Bonnci

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata, Marisa Bonnici detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 244873M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-29 ta' April, 2015 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa l-Fergha tal-Bank of Valletta ta' Haz Zabbar:

1) Volontarjament kisret il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.
2) Irrifjutat li taghti jew tat partikularijiet taghha foloz jew mhux sew lil WPC292 Rose Marie Formosa persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku meta din talbithomlha waqt il-qadi ta' dmirijietha.
3) Ingurjat u jew heddet lil WPC 292 Rose Marie Formosa persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel dak is-servizz bil-hsieb li tbezzagha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.
4) Akkuzata ukoll talli fl-istess crikostanzi ma obdietx l-ordnijeit legittimi ta' WPC 292 Rosemarie Formosa persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz

pubbliku jew ma hallietx, jew fixklet waqt il-qadi ta' dmirijietha jew b'xi mod iehor bla jedd ndahlet fi dmirha billi ma hallietx taghmel dak li b'ligi kienet ordnata jew tista' taghmel jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena li jidhrilha xierqa tapplika l-provediment tal-Art. 383 tal-Kap 9 u dang has-sigurta' ta' WPC 292 Rosemarie Formosa.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti fuq ammissjoni wara li rat l-artikoli 338(dd), 95 u 338(ee) tal-Kap 9. Ikkundannat lill-imputata artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien senejn (2) u inoltre ikkundannat lill-imputata Marisa Bonnici ghall-piena ta' Ewro 200 multa.

Il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9, rabtet lill-imputata Marisa Bonnici b'garanzija personali ta' Elf Ewro (€1000) li zzomm il-kwiet ma WPC Rose Marie Formosa u li zzomm il-bon ordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena m'illum.

Finalment il-Qorti tat lill-imputata Marisa Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap 446.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appllata billi tikkonferma:

i. Dik il-parti fejn l-appellata instabet hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.
ii. Dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-istess Bonnici ghall-ordni ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn.
iii. Kif ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-appellata Marisa Bonnici b'garanzjia personali ta' Eur. 1000 li zzomm il-

kwiet ma WPC Rose Marie Formosa u li zzomm il-bon ordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien ta' sena millum

Filwaqt illi tirrevoka il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-istess appellate ghall-multa ta' Eur. 200 u jogghobha tghaddi sabiex tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi relevanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravate bihom b'mod car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinfliggi l-piena fil-konfront tal-appellata. Dana qieghed jinghad il-ghaliex il-piena inflitta fuq l-appellata, limitatament f'dik illi tirrigwarda l-multa, hija piena that il-minimu preskritt mill-ligi u dana hekk kif ser jigi spjegat izjed il-quddiem.

Illi ghaldaqstant dan l-umli appell qed jigi interpost ai termini tal-artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi hekk kif gie spjegat aktar il-fuq, l-appellata, fuq ammissjoni taghha stess, instabet hatja ta' diversi reati fosthom tar-reat kontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Illi minn ezami akkurat tad-disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt timpani l-piena ta' Eur. 200 multa meta l-minimu preskritt mill-ligi bhala multa ghar-reat hawn fuq imsemmi huwa dak ta' Eur. 800. In oltre jirrizulta wkoll illi l-piena ta' multa ai termini tal-artikolu 95 hawn fuq imsemmi hija piena tassattiva.

***95.** Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta*

*jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).*

Is-suespost qieghed jinghad ukoll konsiderando il-fatt li fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma jissemmew xi ragunijiet specjali u straordinarji kif jirrikejdi l-imsemmi artikolu 21 sabiex il-Qorti tkun tista' tinzel taht il-minimu tal-piena preskritta mill-ligi.

Illi ghaldaqstant indubjament isegwi illi dik il-parti tal-piena, fejn l-ewwel Onorabbli Qorti erogat il-multa ta' Eur. 200 ghandha tigi varjata sabiex tali multa tkun tirrefletti dik il-piena applikabbli skond id-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti fir-rigward tar-reat ai termini tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali adebitat fil-konfront tal-appellata;

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellata wara ammissjoni inkondizzjonata maghmula minnha quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuzi migjuba kontrieha, bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi.

Jikkontendi l-appellant Avukat Generali li l-piena inflitta limitatament ghal dak li jirrigwarda l-multa inflitta fuq l-appellata hija piena taht il-minimu preskritt mill-ligi billi l-piena komminata ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali hija wahda tassativa ta' multa bejn il-parametri ta' €800 u €5000. Illi inoltre jishaq illi l-Ewwel Qorti ma indikatx fid-decizjoni taghha illi hija kienet ser tapplika l-prerogativa moghtija lilha taht l-artikolu 21 illi tidderoga piena inqas minn dak preskritt fil-ligi. Ghaldaqstant jishaq illi d-decizjoni ghandha tigi riformata sabiex tirrifletti id-dettami tal-ligi in kwantu jirrigwarda il-piena erogata ghar-reat li dwaru l-appellata giet misjuba hatja.

Ikkunsidrat,

Illi l-piena inflitta fuq l-appellata ghar-reati addebitati lilha fid-decizjoni impunjata kienet sentenza alternattiva ghal dik ta' prigunerija billi l-Ewwel Qorti ghaddiet biex applikat id-disposizzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal perijodu ta' sentejn. Oltre dan izda ghaddiet biex tinfliggi multa ta' mitejn ewro minghajr indikazzjoni ghal liema reat jew reati din il-piena pekunjarja kienet qed tigi inflitta. Dan qed jinghad billi l-appellata giet misjuba hatja kif inghad tar-reat tal-offiza jew ingurja fuq l-ufficjal pubbliku (artikolu 95), kif ukoll giet misjuba hatja ta' diversi reati kontravvenzjonali ta' natura pubblika ikkontemplati fl-artikoli 338 (dd), (g) u (ee).

Issa l-artikolu 95, kif emendat bl-Att V tal-2014 jipprovdi illi:

**Kull min .... jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, <u>il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000)."</u>**

Issa jidher minn qari ta'l-akkuzi illi l-appellata ma gietx akkuzata illi ikkagunat xi offiza fuq id-WPC292 Rose Marie Formosa, izda fuq ammissjoni taghha stess jirrizultaw l-ingurja u it-theddid. Dan ifisser allura illi b'zieda minn grad ghal tnejn ghar-reat kontravvenzjonali tal-ingurja jew it-theddid l-piena kellha tizdied ghal dik ta' tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur. (artikolu 31(1)(g)).

Maghdud ma' dawn il-konsiderazzjonijiet harsa lejn l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura il-hsieb tal-legislatur kien illi tinghata piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija fejn ic-cirkostanzi ikunu tali li ma ikunx idonju jew mehtieg illi l-persuna misjuba hatja tigi inkarcerata, hemm dispost:

**"Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (<u>li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda</u> u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għal kollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni."**

Il-Qorti ghal kull buon fini tosserva ukoll, u dan indipendentement mill-aggravvju sollevat mill-Avukat Generali, illi l-espressjoni uzata mill-Ewwel Qorti meta wasslet ghal kundanna ta'l-appellata "artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn millum" ma tirriflettiex id-dettami tal-ligi. Presumibbilment dak li kellha f'mohha l-Ewwel Qorti kien illi tillibera lill-imputata taht kundizzjoni, izda dan ma giex imfisser fid-decizjoni kif lanqas gew imfissra ir-ragunijiet li wassluha sabiex taghti piena alternattiva lill-appellata ghal dik indikata fil-ligi. Dan iwassal sabiex issa din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni difficilment tista' tasal sabiex taghmel evalwazzjoni ta' dak li kellha f'mohha l-Ewwel Qorti meta giet biex tinfliggi l-piena fuq l-imputata. Dan ghaliex l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ma ghandux isib applikazzjoni meta ir-reat ikun wiehed punibbli b'multa jew ammenda biss. Inoltre huwa ukoll difficli sabiex jigi accertat jekk il-multa inflitta ta mitejn ewro kenitx qed tigi applikata bhala wahda komplessiva ghar-reati kollha jew inkella ghar-reat ta'l-ingurja jew theddid fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku billi dan ir-reat huwa punibbli bi prigunerija u multa li kif gustament jindika l-Avukat Generali ghandha tkun wahda fil-minimu ta' €800. Ukoll billi kien jirrizulta konkors ta' reati u pieni ghal fatti li dwarhom l-appellata giet misjuba hatja, l-Qorti kellha tghaddi sabiex tapplika dak dispost fl-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li:

**"persuna ħatja ta' delitt wieħed jew aktar u ta' kontravvenzjoni waħda jew aktar, tiġi ikkundannata biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta' aktar minn delitt wieħed skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi ta' qabel dan, jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija. Jekk il-piena li jmissha tingħata għad delitti tkun anqas minn tliet xhur priġunerija, għandha tiġi mogħtija wkoll il-piena stabbilita għall kontravvenzjoni jew il-piena li jmiss tingħata fil-każ ta' aktar minn kontravvenzjoni waħda, skont ir-regoli mniżżla fil-paragrafu ta' qabel dan**."

U cioe:

**"persuna ħatja ta' żewġ kontravvenzjonijiet jew iżjed tiġi ikkundannata għall-piena li hemm għal kull kontravvenzjoni**."

Stabbiliti ghalhekk il-parametri tal-piena li kellha tinghata kontra l-imputata ghar-reati addebitati lilha, ghal din il-Qorti huwa kemmxejn nebuluz il-mottiv li wassal lill-Ewwel Qorti teroga piena ta' multa ta' €200, kif ukoll li tapplika sanzjoni mhux punittiva ta' liberta kondizzjonata. Dan ghaliex jekk l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 gie applikat ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kellha imbaghad tghaddi sabiex tapplika l-ammenda ghal kull kundanna kontravvenzjonali (billi l-piena kienet wahda li ma teccediex it-tlett xhur prigunerija), filwaqt illi l-multa inflitta ghar-reat taht l-artikolu 95 kellu ikun dak ta €800 minimu u mhux €200. Ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun fil-lanjanza tieghu dwar l-*quantum* tal-multa li giet applikata u dan ghaliex filwaqt illi l-Ewwel Qorti setghet taghti sanzjoni alternattiva ghal dik indikata fil-ligi billi r-reat huwa wiehed punibbli bi prigunerija u multa, u ghalhekk mhix prekluza l-applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446, madanakollu l-Ewwel Qorti errat meta ikkundannat lill-appellata ghal hlas ta' multa ta' €200 ghaliex hija kellha tigi ikkundannata ghal multa ta' €800.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qieghda tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, u filwaqt li tikkonferma is-sentenza appellata fil-mertu u f'dik il-parti fejn fil-konfront ta'l-appellata gie applikat il-provvediment ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tvarja il-piena inflitta billi minflok il-multa ta' €200 tikundannaha ghal multa ta' €800.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur